# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 481/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Pierre Grech)**

**vs**

**Geoffrey Turner**

Seduta tas-26 ta' Gunju, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Geoffrey Turner, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 165576M quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer fit-2 ta' Marzu, 2012 u matul l-ahhar xhur qabel din id-data;

a) Kellu fil-pussess tieghu medicina psikotropika u ristretta (ecstasy) minghajr awtorizzazzjoni specjali bil-miktub mis-Supretendent tas-Sahha Pubblika, bi ksur tad-dispozizzjonijiet ta' l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha, Kap 31 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti dwar il-kontroll tal-

Medicini, Avviz Legali 22 tal-1985 kif emendati, liema medicina nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

b) Kellu fil-pussess tieghu id-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussgewentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta' l-Art 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

d) Kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza bi ksur ta' l-Art 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

e) Talli sar recidiv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell ta' nhar id-9 t'Awwissu 2007, liema decizjoni saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Il-Qorti kienet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu

mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-13 ta' Novembru, 2014 li biha sabet lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu. Iddikjaratu recediv fit-termini tal- artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara li qieset illi kien verament jidher illi qed jipprova jeghleb il-problema [ ta' droga], forsi anke bl-ghajnuna tal-familja tieghu, pero' l-Artikolu 22(9) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, huwa tassattiv fl-applikazzjoni tal-piena. Rat ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ikkunsidrat illi r-reat ta' pussess huwa mezz ghall-fini ta' dak bl-aggravju, u ikkundannatu ghal piena karcerarja ta' tnax (12)-il xahar, u ghal multa ta' elfejn Ewro (€2,000), dan anke stante l-progress li jidher li llum ghamel. Dwar il-flus misjuba u ezebiti u mmarkata bhala KB 115.2012, wara li rat id-dokumenti ezebiti mix-xhud David Bord Saidon, sales manager ta' All Care Insurance Agency Ltd. Rat ukoll il-polza tal-mutur Honda u tal-vettura Subaru Vivo, it-tnejn kienu kif xehed l-imputat jiskadu fi Frar. Qieset li sal-grad tal-probabbli dak li qal l-imputat dwar it-tfaddil tal-muniti biex ihallas dawn il-poloz kien probabbli, konsegwentment mhix qed tordna l-konfiska tal-flus. Tordna pero' l-konfiska tal-oggetti kollha misjuba in relazzjoni mad-droga (KB 404.2012) u konsegwentement distruzzjoni taghhom. Ordnat il-konfiska tal-vettura ezebita BBQ808 bhala Dok PG. Bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna l-hlas tal-ispejjez peritali fl-ammont ta' elf seba' mija u tmienja u sebghin Ewro u sitta u disghin centezmu (€1,478.96).

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Geoffrey Turner, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-21 ta' Novembru, 2014, li permezz tieghu talab lil-din il-Qorti **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** in kwantu instabet htija tat-tielet (3), ir-raba (4), u l-hames (5) akkuza

[recte: imputazzjoni] u **thassarha u tirrevokha** billi tilliberah mill-ewwel zewg imputazzjonijiet.

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appellant jillanja s-sentenza appellata bil-gravami illi mill-provi mressqa ma kellux jinsab hati tal-ewwel zewg imputazzjonijiet u fi kliem iehor ghalhekk jirrigwarda l-apprezzament tal-fatti mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ghalhekk ser tghaddi biex tezamina l-provi akkolti sabiex tara jekk il-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienitx wahda li setghet legalment u ragjonevolment tasal ghaliha;
2. Precedentement ghall-arrest tieghu, il-Pulizija kienet talbet ghall-hrug ta' mandat ta' tfittxija fil-konfront tal-appellant u meta lemhuh ghaddej mit-triq fil-vettura tieghu, saritlu tfittxija u fiha taht is-seat instabet borza pilloli u xi trab abjad. F'kexxun tal-vettura instab baskett iswed ukoll b'xi pilloli u bott li kien fih trab abjad u xi qratas. It-tfittxija kompliet fir-residenza tieghu fejn instabet sustanza suspettata haxixa tal-cannabis, mizien elettroniku u xi pipi. Minn ezamijiet forensici, irrizulta illi l-boroz misjuba fil-vettura kienu jikkontjenu wahda minnhom mija u ghaxar pilloli kontenenti s-sustanza MDMA u l-ohra mitejn u wiehed u tmenin pillola kontenenti s-sustanza MCPP f'total ghalhekk ta' 391 pillola. It-trab abjad irrizulta li kien Kokajina f'ammont ta' 6.03 grammi u purita ta' 43.2%. Ma nstabet ebda tracca ta' sustanza illecita fil-haxix ahdar, fuq il-mizien elettroniku, fil-pipa tal-hgieg u fi tliet boroz tal-plastic izda

instabu tracci ta' Tetrahydrocannabinol (THC) f''borza zghira tal-plastic trasparenti u pipa tal-plastic. Haxix ahdar imfarrak f'ammont nett totali ta' 0.89 grammi instab li kienu weraq tal-pjanta Cannabis;

3. Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti, ddikjara li kien ilu jabbuza mid-droga ghall-dawn l-ahhar 17-il sena u kien jiehu dawk is-sustanzi kollha li instabu fil-pussess tieghu liema sustanzi kien xtrahom ghall-uzu personali tieghu u f'dik il-kwantita' ghaliex b'hekk kien jixtrihom irhas. L-appellant xehed illi kien jiehu madwar 20 ecstasy fil-gimgha inkluz filghodu qabel imur ghax-xoghol ghaliex kien iqum ghajjien. Kien jiehu il-kokaina biex jirrilassa d-dar filwaqt li jpejjep xi *joint*. Kwantu ghall-mizien, dan juzah biex jizghen dak li jkun xtara u offra spjegazzjoni ghall-ammont ta' €760 misjuba fir-residenza tieghu li kien qed ifaddal biex ihallas ghall-assikurazzjoni ta' zewg vetturi li kienu waslu biex ikunu rinnovati;

4. Missier l-appellant xehed illi ibnu kien dejjem joqghod ghall-kliem tal-hbieb minkejja li dejjem irrispettahom bhala genituri u li sar jaf li kellu problema tad-droga wara li nqabad mill-Pulizija. Issa li qed jghix taht l-istess saqaf taghhom, ibnu jinsab fi stat ahjar u qed jahdem ukoll mid-dar taghhom;

5. Ir-ragunament tal-ewwel Qorti kien radikat primarjament mill-ammont ta' droga misjuba u rriteniet illi anke jekk l-appellant jikkonsma daqshekk droga, xorta wahda l-ammont misjub huwa wiehed eccessiv. Irragunat ukoll l-istess Qorti illi skond l-istess appellant, dawk il-pilloli kien ilu li xtrahom gimgha qabel u ma setghetx b'hekk tifhem x'kienet qed taghmel fil-vettura tieghu jekk kienet ghall-uzu personali tieghu. Sabet ukoll stramba d-dikjarazzjoni ta' missier l-appellant meta jghid li bhala genituri saru jafu li ghandu problema ta' droga wara li kien arrestat u staqsiet l-ewwel Qorti, fejn jahseb li kien ibnu meta wehel sitt xhur prigunerija fis-sena 2007 ghall-pussess ta' droga f'cirkostanzi li kienu juru li ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu;

6. Fir-ragunament taghha, l-ewwel Qorti kienet gwidata sia mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Marius Magri tat-12 ta' Mejju 2005 citata fis-sentenza Il-Pulizija vs Ninian Mangion tad-9 ta' Marzu 2010 kif ukoll mis-sentenza The Police vs Steven Charles Bartmam tat-2 t'Ottubru, 2014. Fis-sentenza ta' Marius Magri, citati b'approvazzjoni wisq drabi minn din il-Qorti, (ara fost diversi ohrajn, Il-Pulizija vs Noel Borg 12.9.2009 u Il-Pulizija vs Ernest Briffa 26.1.2011) kien ritenut hekk:

> "Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs Marius Magri" [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta' biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienitx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss tal-pussessur). Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App Krim. "Il-Pulizija vs Carmel Degiorgio" [26.8.1998]. Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali: "il-Pulizija vs Carmelo Spiteri" [2.9.1999].)
>
> "Illi pero' kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li d-droga misjuba ma tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x'inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmlu il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha l-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anke jekk mhux neccessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim. "Il-Pulizijia vs Brian Caruana" [23.5.2002])."

7. L-ewwel Qorti, ghalhekk ma waslitx ghall-konkluzjoni taghha biss fuq l-ammont ta' droga misjuba izda gharblet ukoll ic-cirkostanzi kollha fosthom li din kienet ilha fil-vettura tal-appellant ghal aktar

minn gimgha u li anke jekk verament jikkonsma dak l-ammont li jghid li jikkonsma, xorta wahda dak ma jreggix mal-ammont misjub. Din il-Qorti tosserva ukoll illi fix-xhieda tieghu l-appellant jghid li ma kellux ghalfejn ibiegh droga ghaliex kellu xoghol tajjeb. Fl-istess nifs izda jghid illi dik id-droga kien ghad irid ihallas taghha u fl-istess waqt ukoll jghid li kien jonfoq kwazi l-paga ta' xahar fi droga. Dan meta l-espert forensiku ddikjara li l-valur fit-triq tad-droga misjuba huwa ta' €4,414. Tistaqsi ukoll din il- Qorti bhal dik tal-ewwel grad, x'kien qed jaghmel dak l-ammont kollu ta' pilloli fuq l-appellant u ghalfejn hass il-htiega li jgorrha mieghu kull fejn imur ghal gimgha shiha qabel inqabad biha;

8. L-appellant jghid illi l-ewwel Qorti kellha temmnu bhalma emmnitu ghar-rigward tal-flus misjuba fir-residenza tieghu. Kellha temmnu ghalhekk illi huwa juza d-droga f'dak l-ammont qawwi u li dak kien intiz ghall-uzu personali tieghu. Din il-Qorti izda ma tara xejn censurabbli fir-ragunament tal-ewwel Qorti li huwa wiehed logiku li rradika l-kunsiderazzjonijiet appena riezaminati minn din il-Qorti. L-ewwel Qorti ghalhekk setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha u ghalhekk ma hemm ebda raguni ghaliex ghandha issa din il-Qorti tiddisturba dik il-konkluzzjoni.

9. Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud.